

RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport għas-sena finanzjarja 2011 flimkien mat-tweġiba tal-Aġenzija

(2012/C 388/39)

INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport ("l-Aġenzija"), li tinsab fi Brussell, kienet imwaqqfa bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/60/KE⁽¹⁾, emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/593/KE⁽²⁾. L-Aġenzija twaqqfet għal perjodu li beda fl-1 ta' Novembru 2006 u li jispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2015 għall-ġestjoni ta' azzjonijiet tal-UE fil-qasam tan-netwerk Trans-Ewropew tat-trasport⁽³⁾.

INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-verifika meħud mill-Qorti fih proċeduri tal-verifika analitiċi, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa supplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn (fejn huwa rilevanti) u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Qorti vverifikat il-kontijiet annwali⁽⁴⁾ tal-Aġenzija, li jikkonsistu fir-"rapporti finanzjarji"⁽⁵⁾ u fir-"rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit"⁽⁶⁾ għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011, u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

Ir-responsabbiltà tal-Maniġment

4. Bħala uffiċjal li jawtorizza, id-Direttur jimplementa d-dħul u l-infiq tal-baġit skont ir-regoli finanzjarji tal-Aġenzija, fuq ir-responsabbiltà tiegħu stess u fil-limiti tal-appropriazzjonijiet awtorizzati⁽⁷⁾. Id-Direttur huwa responsabbli milli jstabbilixxi⁽⁸⁾ l-istruttura organizzattiva u s-sistemi u l-proċeduri ta' ġestjoni u ta' kontroll interni rilevanti

għat-twejġija ta' kontijiet finali⁽⁹⁾ li jkunu ħielsa minn dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba fi frodi u sew jekk minħabba xi żball, u biex jiżgura li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet huma legali u regolari.

Ir-responsabbiltà tal-Awditur

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill⁽¹⁰⁾, abbażi tal-verifika tagħha, b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati.

6. Il-Qorti mexxiet l-awditu (verifika) tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (Verifika) u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Verifika tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu (verifika) biex tikseb aċċertament (assigurazzjoni) raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

7. Awditu (Verifika) jinvolvi t-twejġija ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar (verifika) dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet (żvelar) fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri jintgħażlu skont il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżit tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawk ir-riskji, l-awditur iqis il-kontrolli interni rilevanti għat-twejġija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet u tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll implimentati sabiex jiġu aċċertati (żgurati) l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex ifassal il-proċeduri tal-awditjar (verifika) li jkunu xierqa skont iċ-ċirkostanzi. Awditu (Verifika) jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adeqgatezza tal-politiki kontabilistiċi li jkunu qed jiġu applikati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi magħmula, kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet.

⁽¹⁾ ĠU L 32, 6.2.2007, p. 88.

⁽²⁾ ĠU L 190, 18.7.2008, p. 35.

⁽³⁾ L-Anness jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivajiet tal-Aġenzija. Huwa jiġi ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

⁽⁴⁾ Dawn il-kontijiet huma akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni tal-baġit u dik finanzjarja matul is-sena li jagħti aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-baġit.

⁽⁵⁾ Ir-rapporti finanzjarji jinkludu l-karta tal-bilanċ u l-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rapport tat-tibdil fl-attivi netti u sommarju tal-politiki tal-kontabilità prinċipali u noti oħra ta' spejgazzjoni.

⁽⁶⁾ Ir-rapporti tal-implimentazzjoni tal-baġit jikkonsistu fil-kont tar-riżultat tal-baġit u fl-anness tiegħu.

⁽⁷⁾ L-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 (ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6).

⁽⁸⁾ L-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1653/2004.

⁽⁹⁾ Ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-kontijiet u tal-kontabilità mill-Aġenziji huma stabbiliti fil-Kapitolu 1 tat-Titolu VI tar-Regolament (KE) Nru 1653/2004 kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 651/2008 (ĠU L 181, 10.7.2008, p. 15).

⁽¹⁰⁾ L-Artikolu 185(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

8. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar (verifika) miksuba hija suffiċjenti u adegwata biex tipprovi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-Kontijiet Annwali tal-Aġenzija ⁽¹¹⁾ jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2011 u r-risultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus (likwidità) tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-Regoli tal-Kontabilità adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni ⁽¹²⁾.

Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

10. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena

finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

11. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjonijiet tal-Qorti.

ĠESTJONI TAL-BAĠIT U DIK FINANZJARJA

12. Għat-Titolu III – Infiq għas-sostenn tekniku u amministrattiv, intuża biss 41 % tal-baġit inizjali ta' EUR 0,6 miljun matul is-sena, l-aktar minħabba spejjeż ta' evalwazzjoni li kienu inqas milli kien mistenni b'risultat tal-posponiment għall-2012 tas-sejħa għal proposti għall-programm ta' ħidma 2011 tal-Aġenzija. L-appropriazzjonijiet li ma ntużawx ġew trasferiti għat-Titolu II – Infiq għall-infrastruttura u l-operat, sabiex it-total tal-baġit finali ta' EUR 9,9 miljun baqa' ma nbidilx. Minkejja dan, is-sottoutilizzazzjoni fit-Titolu III tirrappreżenta diverġenza mill-programm ta' ħidma annwali approvat tal-Aġenzija.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxja mis-Sur Harald NOACK, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Ottubru 2012.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

President

⁽¹¹⁾ Il-Kontijiet Annwali Finali kienu ppreparati fil-15 ta' Ġunju 2012 u rċevuti mill-Qorti fid-29 ta' Ġunju 2012. Il-Kontijiet Annwali Finali jinstabu wkoll fuq il-websajt li ġej http://tentea.ec.europa.eu/en/about_us/mission_introduction/key_documents.htm

⁽¹²⁾ Ir-Regoli tal-Kontabilità adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni ġejjin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) jew, fin-nuqqas tagħhom, l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS).

ANNEX

L-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netzwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (Brussell)

Il-kompetenzi u l-attivitajiet

| | |
|---|---|
| <p>L-oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li ġejjin mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea</p> <p>(L-Artikoli 26, 170, 171, 172, 174 tat-Trattat)</p> | <p>L-Unjoni għandha tadotta miżuri bil-ħsieb li tistabbilixxi jew li tassigura l-funzjonament tas-suq intern. Is-suq intern għandu jikkompreni arja li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital huwa żgurat.</p> <p>Sabiex tippromwovi l-iżvilupp armonjuż tagħha inġenerali, l-Unjoni għandha tiżviluppa u tfitx li twettaq l-azzjonijiet tagħha li jwasslu sabiex tissaħħa il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdanha.</p> <p>Sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet, u sabiex iċ-ċittadini tal-Unjoni, l-operaturi ekonomiċi u l-komunitajiet reġjonali u lokali jkunu jistgħu jgawdu mill-benefiċċji (benefiċċju sħiħ) tal-istabbiliment ta' żona mingħajr fruntieri interni, l-Unjoni għandha tagħti l-kontribut tagħha sabiex jiġu stabbiliti u jiġu żviluppati networks trans-Ewropej fl-oqsma tal-infrastrutturi tat-trasport, telekomunikazzjonijiet u enerġija. L-azzjoni mill-Unjoni għandha tfitx li tiffaċilita [tippromovi] l-interkonnessioni u l-interoperabilità ta' networks nazzjonali kif ukoll l-aċċess għalihom.</p> <p>Sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet, l-Unjoni għandha tistabbilixxi sensiela ta' linji gwida dwar il-miri, il-prijoritajiet u l-linji ġenerali tal-miżuri kontemplati fl-isfera tan-networks trans-Ewropej (TENs).</p> |
| <p>Il-kompetenzi tal-Aġenzija</p> <p>(Id-Deċiżjoni 661/2010/UE tal-PE u tal-Kunsill fuq Linji Gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network tat-trasport trans-Ewropew (tfassil mill-ġdid))</p> <p>(Ir-Regolament 2236/95 tal-Kunsill)</p> <p>(Ir-Regolament KE/58/2003)</p> <p>(Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/60/KE emendata l-aħħar b'2008/593/KE)</p> | <p>L-objettivi</p> <p>Id-Deċiżjoni fuq Linji Gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-Netzwerk tat-Trasport Trans-Ewropew (TEN-T) tistabbilixxi l-linji gwida li jkopru l-għanijiet, il-prijoritajiet u l-linji wiesgħa maħsuba fil-kamp tat-TEN-T. Ġew stabbiliti regoli ġenerali għall-finanzjament mill-Unjoni tat-TENs, sabiex dawn il-Linji Gwida jkunu jistgħu jiġu implimentati.</p> <p>Ir-Regolament tal-Kunsill 58/2003 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi aġenziji eżekuttivi għat-tweqqif tal-kompiti relatati mal-Programmi tal-Unjoni. Għaldaqstant twaqqfet it-TEN-T EA biex iġġesti l-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tat-TENs fuq il-bażi tal-Linji Gwida tat-TEN-T u r-Regolament Finanzjarju u żżid il-valur fil-ġestjoni tal-Programm TEN-T. Hija tibqa' taħt is-sorveljanza tad-DĠ MOVE, id-DĠ prinċipali tagħha, li jżomm ir-responsabbiltà għal kwistjonijiet ta' politika.</p> <p>It-TEN-T EA hija responsabbli mill-ġestjoni tal-implimentazzjoni teknika u finanzjarja tal-Programm TEN-T billi ssegwi ċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett sħiħ. F'xogħolha ta' kuljum hija għandha l-għan li ttejjeb l-effettività u l-flessibilità tal-implimentazzjoni tat-TEN-T bi spiża inqas waqt li fl-istess ħin timmobilizza livell għoli ta' għarfien esperti billi tiffaċilita aktar ir-reklutaġġ ta' persunal speċjalizzat. Hija ssaħħa ukoll ir-rabtiet bejn it-TEN-T u l-partijiet interessati; tiżgura koordinazzjoni aħjar tal-fondi ma' strumenti oħra tal-UE; tgħolli l-profil u l-benefiċċji tal-finanzjament mill-UE; u tagħti appoġġ/feedback lill-Kummissjoni.</p> |
| <p>It-tmexxija</p> | <p>Il-Kumitat ta' Tmexxija</p> <p>L-attivitajiet tal-Aġenzija huma sorveljati minn Kumitat ta' Tmexxija li huwa magħmul minn ħames membri mid-Direttorati Ġenerali Mobilità u Trasport, Politika Reġjonali, Ambjent u Riżorsi Umani tal-KE u osservatur mill-Bank Ewropew tal-Investment. Il-Kumitat jiltaqa' erba' darbiet fis-sena u japprova l-Baġit Amministrattiv, il-Programm ta' Ħidma, ir-Rapport ta' Attività Annwali, il-Kontinjuet tad-dħul u l-infiq kollu, ir-rapport ta' evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija u jadotta regoli ta' implimentazzjoni speċifiċi oħra.</p> <p>Id-Direttur</p> <p>Maħtur mill-Kummissjoni Ewropea.</p> <p>Il-verifika interna</p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-KE u l-Kapaċità tal-Verifika Interna tal-Aġenzija.</p> |

| | |
|---|--|
| | <p>Il-verifika esterna</p> <p>Il-Qorti tal-Awdituri.</p> <p>L-Awtorità ta' Kwittanza</p> <p>Il-Parlament Ewropew, li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p> |
| <p>Ir-riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2011</p> | <p>Il-Baġit</p> <p>A) EUR 8,0 biljun (100 % baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea) għall-baġit tat-TEN-T marbut mal-Perspettiva Finanzjarja 2007 – 2013.</p> <p>B) EUR 9,9 miljun (baġit amministrattiv) 100 % sussidju mill-UE li għalih l-Aġenzija hija awtonoma.</p> <p>Il-persunal fil-31 ta' Diċembru 2011</p> <p>Karigi ta' Aġent Temporanju: 33 kariga elenkati fit-tabella tal-persunal, li minnhom 100 % kienu okkupati.</p> <p>Persunal b'kuntratt: 67 kariga ppjanati, li minnhom 66 (99 %) kienu okkupati.</p> <p>Total tal-persunal: 100 (99 okkupati)</p> <p>Allokati lil:</p> <p>a) Attivitajiet operazzjonali: 65 (65 okkupati)</p> <p>b) Attivitajiet amministrattivi: 35 (34 okkupati)</p> |
| <p>Il-prodotti u s-servizzi 2011</p> | <p>L-għażliet</p> <p>— Sejħa għal Proposti skont il-Programm Multiannwali (MAP) bi tliet oqsma għal total ta' EUR 180 miljun. 47 proposta li talbu EUR 326,7 miljun ġew evalwati minn 19-il espert estern u 26 proposta għal EUR 161,3 miljun ġew rakkomandati għal finanzjament.</p> <p>— Tħejjija għas-Sejħa Annwali 2011 għal total ta' EUR 200 miljun ippubblikata fl-2012.</p> <p>Il-Ġestjoni tal-Proġetti</p> <p>— Tħejjija ta' 49 Deċiżjoni ġdida ta' finanzjament (Sejħiet 2010) – 316 miftuħa fi tmiem l-2011;</p> <p>— Trattament ta' 137 talba għal Emendi mill-benefiċjarji – 98 ġodda fl-2011;</p> <p>— Analiżi ta' 228 Rapport dwar l-Istatus tal-Azzjoni (ASRs – l-għodda prinċipali għall-monitoraġġ tal-progress tal-proġett) u 48 Pjan għall-Azzjoni Strateġika (SAPs);</p> <p>— 70 laqgħa dwar proġetti li saru jew fuq il-post jew inkella fil-bini tal-Aġenzija;</p> <p>— Użu sħiħ mill-approprijazzjonijiet ta' pagament disponibbli, b'medja ta' 13-il jum bħala żmien biex isir il-pagament.</p> <p>Il-miżuri ta' semplifikazzjoni</p> <p>— Introduzzjoni ta' ittri mudell biex jinfurmaw lill-benefiċjarji dwar prodotti u skadenzi;</p> <p>— Semplifikazzjoni ta' proċessi għal analiżi tal-ASRs u għall-evalwazzjoni/għażla ta' proġetti;</p> <p>— Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Prattika Tajba (l-Aġenzija u l-benefiċjarji) fittex li jikseb il-mira li jitħaddet dwar restrizzjonijiet fi proċeduri, jiskambja Prattiki tajba u jidentifika oqsma għal titjib;</p> <p>— Modifika tal-metodoloġija tal-kontroll <i>ex-ante</i>.</p> |

| | |
|--|--|
| | <p>Il-komunikazzjoni</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-taqsimiet miżjuda fuq il-websajt dwar l-ITS u l-Inġinerija Finanzjarja – 150 000 żjara fl-2011. Il-websajt Motorways of the Sea Helpdesk kellha 2 700 viżitatur; — Il-kampanja '10 out of TEN' dwar il-kisbiet tal-proġett TEN-T b'opuskulu u kartelluni; — Pubblikazzjoni ta' 9 bullettini elettroniċi għall-benefiċjarji, 53 stqarrija għall-istampa f'14-il ilsien dwar proġetti ġodda magħżula, u opuskulu għid Rapport Biennali 2008-2010'; — Avvenimenti kienu jinkludu t-tielet Workshop tal-ġestjoni tal-Proġett, il-Calls Info Day (jum ta' Informazzjoni dwar Sejħiet) u parteċipazzjoni fil-Jiem TEN-T tad-DĠ MOVE, u avvenimenti organizzati mis-CoR u mill-KESE. <p>Il-kooperazzjoni mad-DĠ prinċipali</p> <ul style="list-style-type: none"> — Segwitu tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-portafoll tal-proġett MAP u Reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-komponent TEN-T tas-Sejħa għal propositi għal Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku (39 proġett); — Produzzjoni ta' statistika, rappurtar u mapep relatati mal-Programm eż. 'the Report on the Assessment of TEN-T Programme Implementation' (ir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni tal-Programm TEN-T); — Kontribut għar-reviżjoni tal-Linji Gwida tat-TEN-T u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF). <p>Il-verifiki</p> <p>Twettqu 26 verifika, li jirrappreżentaw 30 % tal-pagamenti interim/finali (valur monetarju) mill-2010.</p> |
|--|--|

Sors: Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija.

IT-TWEĠIBA TAL-AĠENZJA

12. Fl-2010 l-Aġenzija kienet għamlet tbassir baġitarju raġonevoli għall-2011, li inkluda ammont sinifikanti taħt Titolu III għall-organizzazzjoni tal-valutazzjoni esterna tas-sejħa għal proposti annwali għall-2011. Madankollu, il-Kummissjoni ddeċidiet li tipposponi din is-sejħa għall-2012, u l-baġit li kien ippjanat ma kienx meħtieġ. Dan il-posponiment kellu wkoll impatt fuq il-baġit maħsub għall-esperti u għall-attivitajiet ta' komunikazzjoni u traduzzjoni, li kollha jaqgħu taħt Titolu III.

Il-flus li ffrankat l-Aġenzija ppermettew biex jinġiebu 'l quddiem ir-rimborsi tal-ammonti pendenti għar-ristrutturar tas-sede tagħha, kif ukoll għat-tnaqqis tal-imgħax relatat fuq il-ħlasijiet. Setgħu wkoll jiġu trasferiti fondi għal Titolu II Kapitolu 21 (tagħmir għall-kompjuter), b'tali mod li kienet tkun sodisfata r-rakkomandazzjoni tas-Servizz tal-Verifika Interna tal-Kummissjoni biex 'jiġu aċċelerati l-isforzi tal-Aġenzija u tikseb jew tiżviluppa sistema ta' ġestjoni ta' informazzjoni komprensiva', kif ukoll tikkontribwixxi għall-kisba tal-azzjonijiet tal-IT msemmija fil-Programm ta' Ħidma tal-Aġenzija, il-pjan ta' azzjoni tal-Istandards tal-Kontroll Intern u r-reġistru tar-riskju. It-trasferimenti baġitarji għaldaqstant saru b'riżultat tal-avveniment mhux previst (l-ittardjar tas-sejħa annwali għall-2011), u l-Aġenzija tikkonsidra li ħadet il-passi xierqa biex tassigura eżekuzzjoni effiċjenti u ġestjoni finanzjarja sigura tal-baġit għall-2011.
